# Kunsill Lokali Mqabba

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2011**

Il-Werrej


L-Introduzzjoni tas-Sindku 1

Il-Kunsill 2

Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill 3

L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq 4

Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank 5

Ir-Rapport tal-Awditur u l-'Financial Statements' 6

Qiegħdin ngħaddu kopja tar-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2011. Sena li fiha ilħaqna l-għanijiet tagħna billi koplejna ninvestu aktar f'dik li hija infrastruttura. Dan speċjalment fejn jirrigwardja t-toroq. Infatti permezz tal-proġett pilota din is-sena komplejna nasfaltaw mhux inqas minn 12–il triq u , fosthom Triq Santa Marija, Triq iċ-Ċavi, Triq il-Kileb, parti minn Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, Triq Dun Giacomo Tortella, Triq Guzeppi Galea, Triq il-Mitħna, Triq ix-Xriek, Triq Annetto Caruana, Triq it-Troll, Triq il-Pal u l-isqaqien numri 1, 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa, Triq il-Fjuri bl-isqaqien numri 1 u numru 2 u Sqaq il-Blanzuni. Nittamaw li nibqgħu insibu l-appoġġ tal-Gvern Ċentrali biex inwettqu dan il-proġett.

Kienet sena ta' ħidma kontinwa fejn fiha kellna x-xorti illi norganizzaw diversi attivitajiet fosthom dik kulturali kif ukoll numru konsiderevoli ta' korsijiet għal benefiċċju tar-residenti tagħna. Komplejna ninvestu fl-edukazzjoni billi nxtraw numru ta' kotba għal-librerija lokali u żidna is-siegħat tal-ftuħ. Waħħalna tliet wi-fi's fil-ġonna, u l-bini tal-Kunsill u wettaqna dak kollu li kien mistenni minna b'suċċess għal ġid tal-komunita' tagħna.

Noel Galea
Sindku

## 2.1 Il-Kunsill

| Inkarigu | Parteċipazzjoni f'laqgħat |
|---|---|
| Sur Emanuel (Noel) Galea (Sindku) | 100% |
| Sur Charles Farrugia (Deputat Sindku) | 83% |
| Sur Nicholas Briffa (Kunsillier) | 92% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Kunsillier) | 83% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 92% |

**<u>Impjegati</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) | 100% |
| Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv) | |
| Sinjorina Mersia Mackay (Skrivana) | |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Il-Kunsill Lokali Mqabba matul l-2011 kompla l-proġett li kulħadd kien qed jistenna – l-asfaltar ta' toroq fir-raħal tagħna. Proġett li sa minn diversi snin ilu konna ilna nisħqu fuqu mal-awtoritajiet ċentrali illi dan kien bżonjuż għaliex kien qed ifisser li qed nonfqu ħafna flus f'manutenzjoni tat-toroq. Toroq li fir-raħal tagħna jservu inqas minn dawk ta' rħula oħra, minħabba n-numru kbir ta' vetturi tqal li jservu l-industrija tal-bini bin-numru kbir ta' barrieri tal-ġebla tal-franka u li wħud minnhom qed iservu għal għanijiet oħra fosthom *tarmac plant, brick manufacturing plant, batching plants, scrap material storage* ecc. Għal finanzjament tal-proġett il-Kunsill Lokali Mqabba kien magħżul li jissieħeb fi proġett pilota flimkien ma żewġ irħula oħra. Liema proġett issa se jkun ffinanzjat mill-Ġvern Ċentrali.

Għat-tieni sena, l-Kunsill Lokali Mqabba matul is-sena li għaddiet, kellu l-assistenza fl-uffiċċju tiegħu minn skrivana *part-time.* Ma' kienx possibbli li ngħaddu mingħajr dan is-servizz għaliex żdiedu l-ammont ta' lmenti li kienu rreġistrati (madwar mitejn fis-sena) u l-użu fis-servizzi l-oħra li jingħataw mill-Kunsill, bħal dawk ta' ħlasijiet fil-*cash office*. Dan seħħ għall-fatt li issa qed niftħu uffiċċju tal-*customer care* fis-sular ta' isfel sabiex l-anzjani u dawk li għandhom problema ta' mobilita' jkunu moqdija b'aktar kumdita'. B'dan l-uffiċċju kabbarna l-*premises* tagħna, filwaqt li fis-sena li għaddiet inqalgħet is-sistema tal-elettriku u dik tal-IT tal-uffiċċini tal-kunsill. Dan għaliex ibbenefikajna minn skema ta' enerġija alternattiva tal-Gvern Ċentrali fejn taffiet xi ftit mill-ispejjeż.

Matul l-2011 saru numru ta' korsijiet ta' taħriġ għall-pubbliku fosthom fl-arti, mużika, korsijiet tal-computer ecc.

Il-kontijiet tal-enerġija laħqu figuri astronomiċi minħabba bl-effett ta' globalizzazzjoni f'pajjiżna bl-għoli tal-*fossil fuel.* Dan irid jiġi mħallas mhux biss f'utilitajiet iżda l-kontijiet issa qed jiġu riflessi fl-ispejjeż kuntrattwali għaliex bosta servizzi jiddependu fuq il-*fuel.*

Bħalma kien spjegat kemm-il darba fil-fuljetti (newsletter) tal-Kunsill li noħorġu kull xahrejn, għad fadal ammonti kbar ta' fondi li jinħtieġ li jiġu rkuprati mill-iskart innifsu – propju billi nitgħallmu nisseparaw u nirkupraw aktar. Il-Kunsill Lokali Mqabba qed ikompli jaħdem sabiex iħeġġeġ u jinċentiva r-residenti sabiex jisseparaw aktar skart saħansitra billi ħoloq lotteriji. Bil-flus li jistgħu jiġu ffrankati, jista' jsir investiment fil-lokalita' tagħna għal ġid tal-komunita' kollha. Irridu ndaħħlu f'ras il-pubbliku li llum l-iskart jiswa' l-flus u għaldaqstant nieħdu pjaċir ninnutaw li l-*bye-law* tal-konteners tal-ħġieġ issuġġerita mill-Kunsill Lokali Mqabba tkun ukoll il-leġislazzjoni tal-Gvern Ċentrali biex niżguraw illi l-effetti ta' din il-miżura jkunu tanġibbli.

## Il-Ħidma tal-Kunsill

Is-sena 2011 ħalliet marka tajba fost il-komunità u r-raħal tagħna. Fuq nota ġenerali, il-ħidma tagħna kienet ta' livell tajjeb u laħqet ħafna aspettattivi u bżonnijiet li ġew għall-attenzjoni tagħna. Kienet sena li lqajna magħna familji ġodda wkoll, u ninsabu ċert li ma' kull ġurnata li tgħaddi, dawn qed jintegraw kulturalment u soċjalment mal-komunita' tagħna. Is-suċċess f'dan kollu, jitkejjel bir-riga tal-pubbliku stess li jaġġudikana hu.

Lestejna bosta toroq fosthom Triq Giacomo Tortella, Triq Ġużeppi Galea, Triq il-Pal, Triq it-Troll, Triq Annetto Caruana, Triq ix-Xriek, Triq il-Mitħna, Sqaqien numri 1, 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa, Triq il-Fjuri u Sqaqien numri 1 u Tnejn fi Triq il-Fjuri, flimkien ma Sqaq il-Blanzuni u Sqaq numru 2 fi Triq il-Parroċċa. Dawn iinksew kollha bit-tarmak minbarra parti sostanjali ta' Triq il-Fjuri u l-isqaqien tagħha kif ukoll Sqaq il-Blanzuni li nksew b'pavimentar rutiku li jagħti karattru antik liċ-ċentru storiku tal-Imqabba. Taħt bosta minn dawn it-toroq tpoġġew *cables* tal-Korporazzjoni Enemalta, sistema tal-ilma u sistema tad-drenaġġ fejn kien hemm bżonn, tant li issa għandhom infrastruttura li tilqa' għas-snin li ġejjin. Għalkemm domna ftit aktar milli mistenni minħabba li kellna nagħtu każ tas-servizzi, il-proġett miexi tajjeb mal-programm ta' toroq ippjanati għar-raħal tagħna.

Għas-sena d-dieħla (2012) ser inlestu iż-żona, li tinkludi, is-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija (il-parti li fadal) Triq iż-Żurrieq, Triq Ħal Kirkop Triq is-Saljatura u Triq il-Murselli. Din bla dubju hija ħidma li tinkludi l-bini ta' toroq li s'issa għadhom qatt ma saru.

Irnexxielna nżidu l-*loans* tal-kotba mil-librerija pubblika tar-raħal tagħna u dan jawgura tajjeb biex it-tfal tagħna jiftħu aktar moħħhom minkejja li llum hawn il-computer u l-internet li huma wkoll sorsi ta' nformazzjoni. Dan irnexxielna nagħmluh wara bidla fil-librara tagħna li minkejja dan, xorta ġibna riżultati sbieħ.

Tajna sehemna biex norganizzaw ħarġiet għal kulħadd speċjalment lejn il-gżira Għawdxija fis-sajf. Dawn il-ħarġiet kienu mezz ta' edukazzjoni fihom infushom għaliex komplew kabbru il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' missirijietna flimkien mat-tisħib li għandna mal-lokalita' taż-Żebbuġ.

Dan kollu jawgura tajjeb għall-Kunsill Lokali tal-Imqabba li qed jilħaq il-miri tiegħu billi jkun xprun biex itejjeb il-qagħda taċ-ċittadini mqabbin kollha.

**Organizzazzjoni**

L-istruttura organizzattiva ġdida implimentata matul l-aħħar xhur biż-żieda ta' part-time clerk, bdiet tagħti l-frott.



## L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2011<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2011<br>ESTMI<br>€ | c<br>2010<br>ATTWALI<br>€ | a-b/b-a<br>VARJANZA<br>ATTWALI/ESTMI<br>€ | a-c/c-a<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 490,447.48 | 437,569.00 | 252,680.48 | 52,878.48 | 237,767.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 27,853.07 | 16,500.00 | 39,529.91 | 11,353.07 | (11,676.84) |
| 0090 | L-Investiment | 585.21 | 200.00 | 746.96 | 385.21 | (161.75) |
| 0100 | Ġenerali | 602.25 | 300.00 | 341.04 | 302.25 | 261.21 |
| | **TOTAL** | **519,488.01** | **454,569.00** | **293,298.39** | **64,919.01** | **226,189.62** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 68,740.37 | 75,300.00 | 66,304.99 | 6,559.63 | (2,435.38) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 157,550.49 | 133,700.00 | 172,971.41 | (23,850.49) | 15,420.92 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 193,133.14 | 245,569.00 | 196,451.92 | 52,435.86 | 3,318.78 |
| | **TOTAL** | **419,424.00** | **454,569.00** | **435,728.32** | **35,145.00** | **16,304.32** |
| | **Bilanċ** | **100,064.01** | **0.00** | **(142,429.93)** | **29,774.01** | **209,885.30** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2011 ATTWALI € | 2011 ESTMI € | 2010 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI - ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 235,458.96 | 237,569.00 | 239,819.00 | (2,110.04) | (4,360.04) |
| 0002 | Supplimentari | 9,439.11 | | | 9,439.11 | 9,439.11 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 152,410.45 | 200,000.00 | 3,408.16 | (47,589.55) | 149,002.29 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 93,138.96 | | 9,453.32 | 93,138.96 | 83,685.64 |
| | | **490,447.48** | **437,569.00** | **252,680.48** | **52,878.48** | **237,767.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 6,521.10 | 100.00 | 100.00 | 6,421.10 | 6,421.10 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 11,343.28 | 9,000.00 | 31,560.10 | 2,343.28 | (20,216.82) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | 400.00 | | (400.00) | |
| 0066 | Ġenerali | 9,988.69 | 7,000.00 | 7,869.81 | 2,988.69 | 2,118.88 |
| | | **27,853.07** | **16,500.00** | **39,529.91** | **11,353.07** | **(11,676.84)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 585.21 | 200.00 | 746.96 | 385.21 | (161.75) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **585.21** | **200.00** | **746.96** | **385.21** | **(161.75)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 602.25 | 300.00 | 315 | 302.25 | 287.25 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | 26.04 | | (26.04) |
| | | 602.25 | **300.00** | 341.04 | 302.25 | 261.21 |
| | **TOTAL** | **519,488.01** | **454,569.00** | **293,298.39** | **64,919.01** | **226,189.62** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2011 ATTWALI € | 2011 ESTMI € | 2010 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI/ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 4,998.80 | 8,000.00 | 6,360.00 | 3,001.20 | 1,361.20 |
| 1101 | Allowance tal-kunsillieri | 9,560.00 | 6,600.00 | 6,400.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 43,122.17 | 50,000.00 | 47,380.67 | 6,877.83 | 4,258.50 |
| 1300 | Bonus | 3,643.12 | 3,700.00 | | 56.88 | (3,643.12) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 4,307.69 | 4,000.00 | 3,956.76 | (307.69) | (350.93) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Sahra | 3,108.59 | 3,000.00 | 2,207.56 | (108.59) | (901.03) |
| | | **68,740.37** | **75,300.00** | **66,304.99** | **9,519.63** | **724.62** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,520.11 | 9,000.00 | 9,231.74 | 479.89 | 711.63 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 459.29 | 1,500.00 | 1,431.84 | 1,040.71 | 972.55 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 11,996.44 | 14,000.00 | 14,308.19 | 2,003.56 | 2,311.75 |
| 2400 | Kera | 732.94 | 1,500.00 | 1,746.63 | 767.06 | 1,013.69 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 123.29 | 700.00 | 709.32 | 576.71 | 586.03 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,057.49 | 3,000.00 | 8,539.19 | (4,057.49) | 1,481.70 |
| 2700 | Trasport | 1,076.17 | 1,000.00 | 1,044.18 | (76.17) | (31.99) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 51.00 | 0.00 | 0.00 | (51.00) | (51.00) |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 4,245.59 | 5,000.00 | 5,870.24 | 754.41 | 1,624.65 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 80,560.32 | 60,000.00 | 75,898.32 | (20,560.32) | (4,662.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 12,915.78 | 5,000.00 | 6,029.60 | (7,915.78) | (6,886.18) |
| 3200 | Taħriġ | 614.06 | 0.00 | 48.59 | (614.06) | (565.47) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 17,492.29 | 18,000.00 | 18,442.43 | 507.71 | 950.14 |
| 3600 | Sistema' ta' nfurzar tal-ligijiet | 11,705.72 | 15,000.00 | 29,671.14 | 3,294.28 | 17,965.42 |
| | | **157,550.49** | **133,700.00** | **172,971.41** | **(23,850.49)** | **15,420.92** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | 3,325.66 | | 9,930.37 | (3,325.66) | 6,604.71 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 7,702.57 | 3,000.00 | 980.57 | (4,702.57) | (6,722.00) |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 182,104.91 | 242,569.00 | 185540.98 | 60,464.09 | 3,436.07 |
| | | **193,133.14** | **245,569.00** | **196,451.92** | **52,435.86** | **3,318.78** |
| | **TOTAL** | **419,424.00** | **454,569.00** | **435,728.32** | **38,105.00** | **19,464.32** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

**5.1 Kontijiet tas-Savings**

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5003** | **BOV Savings LES Operating Account** | **€54,118.80** |
| **Nominal Code 5004** | **BOV Savings Zurrieq (inactive)** | **€788.35** |
| **Nominal Code 5005** | **BOV LES Bank Payment Savings** | **€5,745.08** |
| **Nominal Code 5007** | **BOV Savings Mqabba** | **€58,746.35** |
| **Nominal Code 5015** | **BOV Measure 313 (Savings ac)** | **€93,267.02** |

**5.2 Kont Kurrenti**

**Bilanci mqabbla mal-kotba**

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5002** | **BOV Current Zurrieq (inactive)** | **€0.30** |

| **BANK RECONCILIATION OF ACCOUNT 5008** | |
|---|---|
| Closing balance as per bank statement | €54,118.89 |
| Less Outstanding CB 4 Payments | €0.00 |
| Sub Total | €0.00 CR |
| Plus Outstanding CB4 Receipts | €0.00 |
| Sub Total | €0.00 DR |
| Reconciled Bank Balance | €54,118.89 |
| Computer Bank Balance as at 31.12.2011 | €54,118.89 |
| Diff | €0.00 |

*5.3* **Cash in Hand**

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5010** | **Petty Cash float** | **€43.18** |
| **Nominal Code 5013** | **Employees' Cash float** | **€150** |

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv

## 6.0 Rapport tal-Awditur u l-Financial Statements